SANTA LUĊIJA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

**It-Tmien Leġislatura**
**Laqgħa Numru 19-20**

**20 ta' Ottubru 2020**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato – Kunsilliera
Liam Sciberras – Il-Kunsillier Liam Sciberras kien preżenti għall-laqgħa mis-sitta u tmien minuti sat-tmiem tal-laqgħa.

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Terrence Ellul - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**19.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

**19.1.1** ***E-mail tal-Kunsillier Ellul***

Is-Sindku qrat l-*e-mail* ta' apoloġija tal-Kunsillier Ellul li informa l-Kunsill li ma setax jattendi għall-laqgħa minħabba impenji oħra.

**19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 17-20**

**19.2.1** ***Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-minuti tal-laqgħa numru 18-20 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John issekondata mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar.

**19.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**19.3.1** ***Kwotazzjonijiet – Development of a Complaint Mobile Application***

Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill ikollu *Complaint Mobile Application* li tiġi ikkreata minn kumpaniji li joffru dan is-servizz. Hija ippreżentat erba' kwotazzjonijiet bl-orħos waħda tammonta għas-somma ta' €1975.00. Il-Kunsill qabel li jinkludi din l-ispiża fl-assi kapitali tal-*budget* li jmiss.

**19.3.2** ***Xiri ta' Tablets Għal Kunsillieri***

Is-Sindku irreferit għat-talba li l-Kunsill għamel lid-Dipartiment Għal Gvern Lokali biex ikun jista jixtri apparat elettroniku, bħal *tablets* lill-Kunsilliera. Hija qalet lid-Dipartiment ikkonkluda li għandha tkun id-deċiżjoni tal-Kunsill jekk jinxtarax tali apparat. Hija kompliet tgħid li dawn għandhom jitqiesu bħala assi tal-Kunsill u jiġi titornati lura kif tintemm il-leġislatura. Hija qalet ukoll lis-servizzi biex jitħaddem dan l-apparat għandhom jibqgħu għas-spejjeż tal-Kunsilliera.

Il-Kunsill qabel li jaddotta *policy* fuq ix-xiri ta' dawn it-*tablets* kif irrakomandat u jinġiebu l-kwotazzjonijiet biex jinxtara dan l-apparat bl-ispeċifikazzjonijiet maqbula u nmexxu fuq l-orħos kwotazzjoni.

**19.3.3** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM19-20 għall-perjodu bejn l-18 ta' Settembru 2020 sal-14 ta' Ottubru 2020 u minn cheque numru BOV 8249 sa cheque numru BOV 8257 u minn Bank Transfer 24/20 sa 52/20.

**19.4 Kommunikazzjonijiet**

**19.4.1** ***Nuqqas ta' Attendenza Għall-Laqgħat tal-Kunsill***

Is-Sindku infurmat il-Kunsill li l-Kunsilliera Terrence Ellul u Liam Sciberras ma attendewx għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill imsejjħa f'dawn l-aħħar sitt xhur. Hija qalet li skond l-Att Dwar il-Kunsilli Lokali, il-Ministru għandu jiġi infurmat b'dan u jingħataw ir-raġunijiet għala kien hemm din in-nuqqas ta' attendenza.

**19.4.2** ***Reġjun Nofsinhar - Kwarta Tajba***

Is-Sindku qalet li r-Reġjun Nofsinhar qed jitlob lill-Kunsilli membri biex jidentifikaw siti li fihom tkun tista tittella attivita' bl-isem ta' Kwarta Tajba. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u identifika dawn is-siti: Ġnien is-Serenita, Pjazza 7 ta' Lulju, Pjazza Dorell, l-area ta' ħdejn il-Ġirna, il-Picnic Area u l-Jogging Track.

**19.4.3** ***Basketball Pitch***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Awtorita' tal-Artijiet kienet tgħat il-clearance għall-proġett tal-Basketball Pitch. Hija qalet li issa d-dokumenti kollha rikjesti mill-Awtorita' tal-Ippjanar kienu ġew issottomessi kollha u kif joħroġ il-permess il-Kunsill ikun jista' jwettaq dan il-proġett.

**19.4.4** ***Ġieħ Santa Luċija***

Is-Sindku irreferit għan-nominazzjonijiet pendenti li għandu l-Kunsill fir-rigward tal-għoti ta' Ġieħ Santa Luċija. Hija semmiet ukoll ir-Regolamenti stabbiliti dwar l-għoti ta' dan il-Ġieħ. Qamet diskussjoni u ġie deċiż li l-Kunsill għandu jorganizza online meeting biex jiddiskuti dwar dawn in-nominazzjonijiet.

**19.4.5** ***SPI 07-2019 Sistema ta' Irrigazzjoni***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li d-Direttorat Għall-Gvern Lokali approva it-talba tal-Kunsill u d-data biex jiġi implementat dan il-proġett ġie estiża sat-30 ta' Lulju 2021. Is-Sindku qalet ukoll li inġiebet stima li tammonta għas-somma ta' €950.00 biex jiġu ippreparat id-dokument tat-*tender* minn Ingineer.

**19.4.6** ***Policy tal-Kunsill dwar kommunikazzjoni***

Is-Sindku tkellmet dwar *policy* tal-Kunsill dwar il-mod kif il-Kunsill jikkomunika mar-residenti *online*. Qamet diskussjoni u reġa ġie stabbilit li l-kommunikazzjonijiet tal-Kunsill għandhom l-ewwel jittellgħu fuq il-Facebook Page tal-Kunsill u wara jiġu *shared* mill-Kunsillieri. Kien hemm qbil ukoll li *posts* fuq Facebook għandu ikunu fil-plural – il-Kunsill javża. Ġie stabbilit ukoll li din il-*policy* ma tapplikax għall-informazzjoni li tittella' fuq il-portal tal-Gvern u tiġi *shared* mill-membri tal-Kunsill.

**19.4.7** ***Ċirkulari AKL 2020-116 – Outdoor Potable Water Dispensers***

Is-Sindku tkellmet dwar proposta marbuta maċ-Ċirkulari hawn fuq imsemmija u qalet li ser titlob laqgħa mal-kuntrattur dwar din l-inizjattiva.

**19.4.8** ***Marki tat-toroq fi Triq Bruka***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill pjanta tal-marki tat-toroq li ser isiru fi Triq il-Bruka. Qamet diskussjoni u s-Sindku qalet li ser titlob laqgħa mal-perita inkarigata minn dan ix-xogħol u ser tkellimha wkoll fuq marki tat-toroq fi Triq Gardenja.

**Nota: Il-Kunsillier Liam Sciberras kien preżenti għall-Laqgħa fis-6.08p.m.**

**19.4.9** ***PA/01432/20 – Proposta ta' Żvilupp fi Triq Ġibjun***

Is-Sindku irreferit għall-applikazzjoni ta' żvilupp hawn fuq imsemmija u qalet li l-Kummissjoni tal-Awtorita Tal-Ippjanar ser titlaqa' b'mod virtwali fit-23 ta' Ottubru 2020 dwar din il-proposta ta' żvilupp. Is-Sindku qrat ittra li kiteb il-Kunsillier Liam Sciberras fejn semma diversi punti dwar dan il-każ liema ittra ġiet iffirmata wkoll minnha u mill-Kunsillier Terrence Ellul. Qamet diskussjoni u l-Kunsilliera Kylie D'Amato qalet li ma tridtx tkun ta' xkil għal min irid jagħmel żvilupp fil-propjeta' tiegħu. Hija qalet ukoll li bħala Kunsill għamilna biżżejjed u issa hemm l-Awtorita' tal-Ippjanar li trid tagħmel xogħolha.

Il-Viċi Sindku, s-Sur Frederick Cutajar qal li hemm żviluppi oħra simili fil-lokalita' u ta' xi eżempji f'dan ir-rigward. Huwa qal li din il-lokalita' hija waħda żagħżugħa u semma' wkoll il-linja ta' għoli tal-iskola li hemm fl-istess triq. Huwa qal ukoll li dawn n- nies li qed joġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp huma l-istess nies li oġġezzjonaw fuq il-proposta ta' żvilupp biex tinbena Dar Għall-Anzjani f'Santa Luċija.

Il-Kunsillier Liam Sciberras, qal li sema' l-argumenti ta' dawk preżenti u b'mod personali ma jaqbilx. Huwa qal li tkellem f'isem ir-residenti li jixtiequ jgawdu l-kwiet u s-sitwazzjoni preżenti. Huwa qal li b'dan l-iżvilupp jiżdied it-traffiku. Huwa qal ukoll li kien ippreżenta petizzjoni bi tlett mitt firem fir-rigward ta' dan l-iżvilupp.

**19.4.10** ***Nuqqasijiet mill-Kuntrattur tal-Knis u Tindif ta' Toroq***

Is-Sindku tkellmet dwar rakkomandazzjoni tal-Contract Manager biex fejn ikun hemm nuqqasijiet mill-kuntrattur hawn fuq imsemmi, jibdew jinħarġu *default notice*. Il-Kunsill qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni.

**19.4.11** ***Proposta dwar Night Shelter jew Dar għall-Anzjani***

Is-Sindku nfurmat li ġie iċċarat li l-proposta hawn fuq imsemmija li l-Kunsill iddiskuta fil-laqgħa preċedenti, kienet proposta ta' bejgħ u mhux donazzjoni.

**19.4.12** ***CCTV Cameras f'Dorell Place***

Is-Sindku tkellmet dwar il-bżonn li jiġu nstallati CCTV Cameras fi Pjazza Dorell. Il-Kunsill qabel li għandha ssir provvista għall-ispiża nvoluta fil-budget 2021. Saret referenza wkoll għas-CCTV Cameras fi Ġnien is-Serenita' u ġie deċiż li dawn għandu jsirilhom il-manutenzjoni neċessarja**.**

**19.4.13** ***Proġett tal-Iskejjel***

Is-Sindku tkellmet dwar proġett li ser isir fl-iskejjel fejn qed jiġi propost li l-Kunsill jinnomina nies sportivi mill-lokalita' li kisbu suċċess. Hija qalet li l-Kunsill irid jinnomina minn tlett sa ħames persuni għal din l-inizjattiva.

**19.4.14** ***Skema Tiżjin tal-Milied***

Is-Sindku infurmat li r-Reġjun ħareġ skema ta' għajnuna finanzjarja għal Tiżjin tal-Milied fil-Lokalita' 2020. Hija qalet li b'din l-iskema kull Kunsill Lokali jista' jibbenifika minn elf sa elf u ħames mitt ewro jekk iżomm mal-kriterji mitluba.

**19.5** ***Vakanza Segretarju Eżekuttiv***

Is-Sindku spjegat dwar f'hix wasal il-proċess dwar il-Vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv. Hija qalet li ser tkun qed iżomm lill-Kunsill infurmat b'kull żvilupp f'dan ir-rigward.

**19.6** **Kuntratt: SLLC PKG(57-20-03) Tindif u Żamma ta' Parks, Ġonna, u *Soft Areas* fil-Lokalita' ta' Santa Luċija – Rapport ta' Evalwazzjoni**

Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport ta' Evalwazzjoni dwar l-offerta hawn fuq imsemmija. Saret diskussjoni u l-Kunsill approva ir-rakommandazzjoni tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni li irrakomanda li dan il-kuntratt jingħata lill-kuntrattur Impresa Cassarino Salvatore li tefa' l-orħos offerta.

**19.7** **SPI/SCI/3/2020 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali**

Is-Sindku irreferit għall-iskema hawn fuq imsemmija. Hija qalet li qed tressaq reżoluzzjoni biex il-Kunsill japprova applikazzjoni għal fondi taħt l-Iskema hawn fuq imsemmija b'finanzjament ta' 85% tal-ispiża nvoluta li tittratta il-kostruzzjoni ta' rampa għall-aċċessibilta' aħjar quddiem Appartamenti Indipendenza fi Triq Maria De Domenicis. Din ir-Reżoluzzjoni li kienet proposta mis-Sindku s-Sinjura Charmaine St John u s-sekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Cutajar ġiet approvata mill-Kunsill. Kopja tar-Reżoluzzjoni qed tiġi annessa ma' dawn il-Minuti.

**19.8** **SPI/SCI/6/2020 Finanzjament għall-Kreazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex**

Is-Sindku irreferit għall-iskema hawn fuq imsemmija. Hija qalet li qed tressaq reżoluzzjoni biex il-Kunsill japprova applikazzjoni għal fondi taħt l-Iskema hawn fuq imsemmija b'finanzjament ta' 85% tal-ispiża nvoluta li tittratta dwar proposta ta' installazzjoni ta' Gazebo fil-Picnic Area fi Triq il-Pepprin Santa Luċija. Din ir-Reżoluzzjoni li kienet proposta mis-Sindku s-Sinjura Charmaine St John u s-sekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Cutajar ġiet approvata mill-Kunsill. Kopja tar-Reżoluzzjoni qed tiġi annessa ma' dawn il-Minuti.

**19.9 Kwotazzjonijiet għal Tiżjin ta' Toroq bid-Dwal tal-Milied**

Is-Sindku irreferit għas-sejħa għall-kwotazzjonijiet fuq servizz ta' tiżjin tat-toroq bid-dawl tal-Milied f'Santa Luċija. Hija qalet li din is-sejħa saret permezz ta' avviż fil-gazzetta tal-Gvern u kienet tagħlaq fis-16 ta' Ottubru 2020. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva offerta waħda biss marbuta ma' din is-sejħa. Hija qalet li fil-kwotazzjoni li rċieva l-Kunsill, l-istima tal-BOQ li jirrifletti ix-xogħol rikjest mill-Kunsill tammonta għas-somma ta' €3,640.00. Il-Kunsill iddiskuta din l-offerta u approva l-kwotazzjoni imsemmija.

**19.10 Rapporti**

Waqt din il-laqgħa ġew ippreżentati dawn ir-rapporti:

- Rapport ta' kull xahar maħruġ mill-Contract Manager tal-Kunsill li jinkludi rapport għax-xahar ta' Settembru 2020, Workplan għax xahar ta' Ottubru 2020 kif ukoll rendikont tal-ħidma marbuta ma' dan is-servizz għax-xahar ta' Settembru 2020

- SLLC Memo 27-2020 – Vakanza Segretarju Eżekuttiv – Bord tal-Għażla
- SLLC Memo 28-2020 – Librerija Pubblika
- SLLC Memo 29-2020 – Użu tat-Tea Room

**19.11 Mistoqsijiet**

**19.11.1 *Mistoqsija tal-Viċi Sindku fir-rigward ta' photo session fi Ġnien is-Serenita fuq inizjattiva kummerċjali***

Is-Sur Cutajar staqsa jekk kienx inħareġ permess uffiċċjali mill-Kunsill biex saret photo-session ta' ditta kummerċjali fi Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qalet li ma kien intalab l-ebda permess f'dan ir-rigward. Ġie deċiż li jsir kuntatt ma' din id-ditta biex jintalab il-ħlas dovut.

**19.12 *Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss***

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 19 ta' Novembru 2020 fil-5.15p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| **Charmaine St John** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |